IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.6.2018
COM(2018) 487 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**It-Tnax-il Rapport Annwali tal-2017 dwar l-implimentazzjoni ta' għajnuna Komunitarja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument għas-sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka**

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**It-Tnax-il Rapport Annwali tal-2017 dwar l-implimentazzjoni ta' għajnuna Komunitarja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument għas-sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka**

# 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006[1] (ir-"Regolament dwar l-Għajnuna") huwa l-bażi għall-għajnuna lill-komunità Ċiprijotta Torka (KĊT) u jirrikjedi rapportar annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport ikopri s-sena 2017.

# 2. PROGRAMMAR TAL-GĦAJNUNA

Bejn l-2006 u t-tmiem tal-2017, ġew programmati EUR 485 miljun għal operazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna. L-ammont impenjat f'Diċembru 2017 għall-programm annwali tal-2017 kien ta' 34 836 240[2]. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-20 jipprovdi perspettiva pluriennali għall-programm b'dispożizzjoni għal fondi annwali stabbli. Madankollu, il-programm ta' għajnuna huwa ta' natura temporanja, bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru, u kemm ir-Regolament dwar l-Għajnuna kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/213[3], li jistabbilixxu l-QFP jippermettu reviżjoni fil-każ ta' riunifikazzjoni.

# 3. IL-MEKKANIŻMI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-programm huwa implimentat fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru, li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u fejn l-applikazzjoni tal-*acquis* hija temporanjament sospiża skont il-Protokoll 10 tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-għajnuna hija implimentata primarjament permezz ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni Ewropea, iżda xi proġetti huma ġestiti b'mod mhux dirett mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP - United Nations Development Programme), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u mill-British Council.

Il-Kummissjoni topera f'kuntest politiku, legali u diplomatiku uniku. Filwaqt li jitħarsu l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġu arranġamenti *ad hoc* biex jiġi implimentat il-programm. Fi programmazzjoni ta' għajnuna ffinanzjati mill-UE, u f'ċirkostanzi normali, il-ftehimiet ma' gvern benefiċjarju jistabbilixxu l-qafas legali tal-għajnuna għall-iżvilupp. Ma jistgħu jsiru l-ebda arranġamenti bħal dawn għall-għajnuna lill-KĊT. Il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju inerenti huma parti mir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u l-miżuri adottati jinkludu l-monitoraġġ tal-kuntratti u l-provvediment ta' sostenn intensiv lill-benefiċjarji, kundizzjonijiet ta' pagamenti riveduti, u approċċ kawt fl-użu ta' garanziji bankarji. L-għajnuna tinkludi ammont sinifikanti ta' appoġġ permezz ta' għotjiet, li jirrikjedi ġestjoni intensiva fir-riżorsi.

1 ĠU L65, 7.3.2006, p.5.
2 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6688.
3 ĠU L 347, 2.12.2013, p. 884.

Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ssir b'suċċess u b'mod sostenibbli f'dan l-ambjent, il-KĊT trid tkun impenjata bis-sħiħ fit-tħejjija għall-introduzzjoni tal-*acquis* wara l-qbil.

It-Tim tal-Programm jopera permezz tal-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Programmi tal-UE (EU Programme Support Office, EUPSO) li jinsab fil-parti tat-tramuntana ta' Nikosija. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ċipru tospita wkoll laqgħat, seminars u konferenzi stampa u tikkomunika mal-pubbliku Ċiprijott fil-gżira, inkluż dwar il-Programmazzjoni tal-Għajnuna. Barra minn dan, l-Infopoint tal-UE, iffinanzjat taħt il-Programmazzjoni tal-Għajnuna, iwettaq firxa ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u viżibilità, billi jipprovdi informazzjoni dwar politiki, prijoritajiet u azzjonijiet tal-UE f'appoġġ għall-KĊT, u l-promozzjoni tal-kultura Ewropea.

## 4. L-IMPLIMENTAZZJONI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

### 4.1. Ħarsa ġenerali

Il-Kummissjoni tkompli timplimenta r-Regolament dwar l-Għajnuna bl-għan ġenerali li tappoġġa r-riunifikazzjoni. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tadatta l-programm wara l-ftehimiet milħuqa fit-taħditiet għal soluzzjoni.

L-operazzjonijiet fl-2017 inkludew il-kontinwazzjoni ta' għadd ta' proġetti stabbiliti u ta' suċċess, bħal boroż ta' studju tal-UE u miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, għall-appoġġ lill-Kumitat dwar Persuni Nieqsa (Committee on Missing Persons, CMP) u lill-Kumitat Tekniku għall-Wirt Kulturali (Technical Committee on Cultural Heritage, TCCH).

L-għajnuna pprovduta lis-setturi ekonomiċi ewlenin fit-tħejjija għal soluzzjoni ssaħħet permezz ta' proġetti għall-iżvilupp tas-settur privat u taż-żoni rurali u kif ukoll l-iżvilupp tar-riżorsi umani. Tkomplew l-isforzi lejn titjib tanġibbli fil-qasam tal-qerda tal-mard tal-annimali u tas-sikurezza alimentari.

Għad jeżistu lakuni konsiderevoli fil-kapaċità tal-benefiċjarji biex l-acquis jiġi implimentat b'mod effettiv u l-adozzjoni ta' bosta testi ġuridiċi għadha pendenti. Madankollu, il-KĊT għandha fehim aktar strett tal-isfidi marbuta mal-implimentazzjoni ta' testi ġuridiċi allinjati ma' standards tal-UE.

L-appoġġ f'forma ta' għotjiet jibqa' element importanti tal-programm. Għall-programmazzjoni ta' boroż ta' studju, il-Kummissjoni kompliet tirrikorri għal esternalizzazzjoni, biex tiżgura li l-għotjiet jaslu għand il-benefiċjarji b'mod effiċjenti u f'waqtu.

Barra minn dan, sa mill-2008, l-Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti (Project Management Unit, PMU), li ġiet stabbilita permezz ta' kuntratt ta' servizz ta' assistenza teknika pprovdiet servizzi li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' għotjiet. Din il-PMU tkompli tipprovdi għajnuna prezzjuża lill-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza u l-assigurazzjoni fil-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ operattivi ta' skemi ta' għotjiet.

Kwistjoni waħda li għadha għaddejja tirrigwarda l-kostruzzjoni tan-netwerk tad-drenaġġ ta' Famagusta, liema kuntratt ġie tterminat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2013. Il-kontroversja mal-kuntrattur preċedenti tressqet għall-arbitraġġ peress li l-opzjonijiet kollha għal soluzzjoni amikevoli kienu ġew eżawriti. B'mod parallel, fl-2018 se jkun hemm offerti għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni relatati.

Fl-aħħar tas-sena, inġenerali kienu għaddejjin 274 kuntratt taħt il-Programm.

## 4.2. Il-progress skont l-objettivi

L-objettiv globali tal-Programm dwar l-Għajnuna huwa li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-KĊT, b'enfasi partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira, fuq it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE, u fuq it-tħejjija għall-*acquis*.

L-attivitajiet li saru fl-2017 fir-rigward ta' kull objettiv tar-Regolament dwar l-Għajnuna jinkludu:

### *4.2.1. Objettiv 1: L-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura*

Fis-settur tal-ilma, id-disinn u l-fajl tal-offerta għall-bini ta' kollettur prinċipali ġdid tad-dranaġġ biex jitwassal l-ilma mormi ta' Nikosija għall-impjant tat-trattament tal-ilma mormi bikomunali (WWTP - waste water treatment plan) f'Nikosija ġew iffinalizzati. It-tnedija ta' akkwist tax-Xogħlijiet hija prevista fil-bidu tal-2018. L-istudju tal-fattibbiltà u ta' disinn kunċettwali tas-sistema ta' distribuzzjoni għal effluwent tad-dranaġġ trattat tal-WWTP bikomunali kienu fi stadju avvanzat sew u huma taħt l-approvazzjoni finali. Id-disinn dettaljat u l-fajl tal-offerta assoċjat finali għal dan il-proġett bikomunali importanti huma mistennija matul l-2018.

Il-fajl tal-offerta għal xogħlijiet rimedjali meħtieġa għan-netwerks tad-drenaġġ ta' Famagusta ġie abbozzat u l-akkwist tax-Xogħlijiet għandu jiġi varat fil-bidu tal-2018.

Inbdew attivitajiet ta' tħejjija għall-ewwel fażi ta' dekommissjonar tal-WWTP antika ta' Nikosija u għat-twaqqif ta' mogħdija għar-rota u għall-mixi tul ix-Xmara Pedieos.

L-għajnuna fis-settur tal-iskart solidu kompliet permezz ta' azzjonijiet differenti. Żewġ kuntratti - *L-estensjoni tal-landfill Koutsoventsis/Güngör* u l-*L-Impjant għat-Tneħħija tal-Gass minn Landfill* - ġew iffirmati f'Diċembru 2017. Ix-Xogħlijiet għandhom jiġu ffinalizzati sa Diċembru 2018. L-2017 rat ukoll it-tlestija tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Bażi tad-*Data* għall-Ġestjoni tal-Iskart Solidu li għandha bħala l-bażi tagħha l-Katalogu Ewropew tal-Iskart Solidu. Din bħalissa qed tiġi ttestjata mill-korpi ambjentali responsabbli, filwaqt li madankollu din diġà ġiet rikonoxxuta bħala suċċess.

Wara bosta dewmien, l-installazzjoni ta' faċilità ġdida ta' sterilizzazzjoni għat-trattament ta' skart mediku perikoluż tpoġġiet lura fit-triq it-tajba u għandha tiġi ffinalizzata sa nofs l-2018. Dan il-proġett kompla jiġi msaħħaħ permezz ta' proġett b'kapaċità teknika li tinvolvi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Iskart Mediku sostenibbli.

L-offerta għall-istabbiliment ta' sistema għall-ġbir, it-trasport u t-trattament ċentrali għal prodotti sekondarji tal-annimali li huma l-aktar perikolużi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali tnediet għat-tieni darba, iżda ma ġew riċevuti ebda offerti validi. Wara l-ottimizzazzjoni tal-fajl tal-offerta, il-proġett se jkun qed jara' sejħa għal offerti ġdida fil-bidu tal-2018.

Fl-aħħar nett, ġiet indirizzata wkoll il-ġestjoni tal-iskart solidu fi skemi ta' għotjiet li jappoġġaw is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali. Dawn jinvolvu l-istabbiliment ta' stazzjonijiet ta' trasferiment tal-iskart solidu u ġestjoni ekoloġika tal-iskart skont Pjan ta' Ġestjoni koerenti tal-UE għall-Iskart Solidu Integrat.

Barra minn hekk, fl-2017 ġew approvati proġetti li jsaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u tal-ilma u ġew abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. L-offerti huma mistennija f'nofs l-2018.

Ġie ffinalizzat kuntratt għal *Assistenza Teknika għall-Implimentazzjoni ta' Programm għas-Sikurezza tat-Traffiku*. Ġie mħejji pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan, ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u l-ispezzjoni teknika tal-vetturi u jeħtieġ aktar għajnuna u appoġġ mingħand il-benefiċjarju sabiex jiġi implimentat il-pjan direzzjonali u tiġi mtejba s-sikurezza tat-traffiku.

### 4.2.2. *Objettiv 2: Il-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku*

L-*Assistenza Teknika għas-Settur Privat* (Technical Assistance to the Private Sector, TAPS), li ġiet imnedija f'Novembru 2015, ġiet estiża għal Settembru 2018. Dan il-proġett għandu l-għan li jippromwovi t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tas-settur privat. Huwa jipprovdi assistenza teknika lil korpi lokali biex iħejju għall-applikazzjoni tal-*acquis* f'oqsma marbutin mal-iżvilupp tas-settur privat. L-appoġġ jieħu l-forma ta' studji analitiċi u t-tħejjija ta' strateġiji, inkluż pereżempju, il-finalizzazzjoni tal-Istrateġija ta' Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u l-Pjan ta' Azzjoni. Dan jgħin ukoll lill-Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSME - Micro and Small-Sized Enterprises) biex iħejju għall-acquis billi jiġu appoġġati l-Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ għan-Negozju, li jsaħħu l-kapaċità ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità organizzazzjonali u tal-forniment tas-servizzi.

Nota ta' gwida dwar il-vijabbiltà ta' strateġija ta' innovazzjoni skont l-Orizzont 2020 u l-kunċett ta' tkabbir SMART ġiet żviluppata minn espert estern taħt kuntratt uniku fil-bidu tal-2017.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Delega mal-BERŻ biex il-kumpaniji Ċiprijotti Torok jingħataw aċċess għal fondi ta' kreditu u biex jingħata appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-konsulenti tan-negozji lokali ġie estiż b'ammont addizzjonali ta' EUR 0,8 miljun. In-negozji huma wkoll appoġġati direttament permezz ta' għotjiet. L-għotjiet rimanenti kollha li ngħataw direttament lin-negozji taħt l-*Iżvilupp tal-SME*: L-iskema ta' għotja għall-*Immodernizzar ta' Prodotti u Servizzi* ġiet finalizzata fl-2017. B'kollox, 36-il proġett ġew implimentati b'suċċess taħt din l-iskema.

Fil-qasam tal-iżvilupp rurali, ġiet ipprovduta assistenza teknika biex jiġu żviluppati s-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, inkluż it-taħriġ ta' konsulenti legali. Mid-39 proġett mogħtija fl-2013 skont it-Tielet (3) skema tal-għotja għall-Iżvilupp Rurali, fl-2017, intemmew 6 oħra b'suċċess.

Fl-2017, il-proġett ta' assistenza teknika biex tiġi appoġġata t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' qerda tal-mard tal-annimali (AD - animal diseases) (mibdi f'nofs l-2015) kompla jibni l-kapaċitajiet tas-servizzi veterinarji biex jiġu ppjanati u implimentati l-programmi ta' sorveljanza u qerda u biex tissaħħaħ is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali. L-għajnuna ġabet ukoll titjib kontinwu tal-prestazzjoni u l-kwalità ta' outputs tal-laboratorju veterinarju. Fl-2016/2017, l-ewwel ittestjar fuq skala kbira ta' annimali biex jiġi stabbilit l-istatus ta' prijorità AD (bħall-bruċellożi u t-tuberkolożi) ġie implimentat fil-parti tat-tramuntana ta' Ċipru. L-għan u l-benefiċċji fit-tul tal-qerda ta' mard importanti fl-annimali li jipproduċu l-

ikel ġew ikkomunikati b'mod wiesa' lill-bdiewa lokali. Dan tejjeb l-għarfien tal-bdiewa u żgura l-appoġġ tagħhom għall-qerda ta' AD importanti fiż-żona.

Taħt proġett biex tiġi żviluppata l-kapaċità fil-KĊT, ingħata taħriġ dwar tekniki analitiċi relatati mar-rekwiżiti tal-UE għal standards tas-sikurezza alimentari.

Il-kapaċitajiet ta' KĊT biex jimplimentaw il-programmi tas-saħħa tal-annimali u s-sikurezza alimentari kienu msaħħa aktar permezz tal-għoti ta' erba' kuntratti ta' provvista, b'total ta' EUR 0,5 miljun, li jipprovdu tagħmir u oġġetti konsumabbli għal miżuri veterinarji u laboratorji tas-sikurezza alimentari.

Ħames kuntratti ta' għotja li jammontaw għal EUR 3 miljun ingħataw taħt ir-raba' sejħa għal proposti għall-Iżvilupp Komunitarju. Erba' proġetti jiffokaw fuq it-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità ta' servizzi fil-komunità lokali bħalma huma l-ġestjoni tal-iskart u l-ħarsien ambjentali. Proġett wieħed għandu l-għan li jistabbilixxi ċentru ta' assistenza għall-vittmi tal-vjolenza domestika.

Fis-settur tal-edukazzjoni, l-implimentazzjoni ta' 15-il għotja li ngħataw fl-2016 taħt l-iskema ta' għoti ta' EUR 1,5 miljun għall-*Innovazzjoni u l-Bidla fl-Edukazzjoni VI* tkompliet fl-2017. Mill-15-il proġett, disa' (9) qed jiġu implimentati minn skejjel u sitta (6) minn organizzazzjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja. Il-proġetti jiffokaw prinċipalment fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'tagħlim / apprendiment extrakurrikulari tal-iskejjel mal-introduzzjoni ta' ħiliet personali u programmi kif ukoll l-istabbiliment ta' laboratorji tax-xjenza u dar ekoloġika għall-agrikoltura organika. Min-naħa l-oħra, il-proġetti ta' tagħlim tul il-ħajja jiffokaw fuq it-titjib tal-kapaċitajiet professjonali ta' periti u inġiniera u jintroduċu l-intraprenditorija u l-korsijiet ta' taħriġ tul il-ħajja biex itejbu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

Fl-ewwel nofs tal-2016 tnediet skema ta' għotja ġdida ta' EUR 1,5 miljun għall-*Innovazzjoni u l-Bidla fl-Edukazzjoni VII,* li tkopri l-istess objettivi bħas-sejħa preċedenti għal proposti. L-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġett għadha għaddejja.

It-tieni proġett ta' assistenza teknika għall-Edukazzjoni vokazzjonali, it-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol (*VETLAM II*), imniedi f'Novembru 2015 kompla bl-attivitajiet tiegħu. Matul l-2017, l-assistenza teknika ffukat l-aktar fuq rieżami u aġġornament tal-qafas tal-kwalifiki, l-iżvilupp ta' strateġija ta' skejjel vokazzjonali, l-iżvilupp ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol għal tliet (3) gruppi żvantaġġati magħżula (iż-żgħażagħ, in-nisa u l-persuni b'diżabilità) u l-bini ta' kapaċità għas-servizzi tal-impjieg. Il-proċeduri ta' valutazzjoni għal tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u programmi ta' apprendistat kif ukoll grupp ta' assessuri lokali ġew ukoll żviluppati. Huwa ippjanat li l-proġett jintemm f'Novembru 2018.

Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati tal-ħidma analitika preċedenti, it-tieni fażi tal-programm ta' monitoraġġ ekonomiku mmexxi mill-Bank Dinji pprovda analiżi fil-fond u assistenza teknika addizzjonali f'oqsma importanti. Il-programm iffoka fuq l-analiżi fiskali u l-korpi finanzjarjament sostenibbli tal-amministrazzjoni pubblika, l-effetti ekonomiċi, kummerċjali tar-riunifikazzjoni, l-iżvilupp tas-settur privat u l-inklużjoni soċjali, u l-monitoraġġ makroekonomiku. F'konformità mal-prijoritajiet politiċi fil-qafas tal-Programm ta' Għajnuna, pakkett addizzjonali ta' EUR 4,8 miljun ġie kkuntrattat fl-2017 għat-tkomplija tal-impenn tal-Bank Dinji sabiex jitkompla x-xogħol analitiku u x-xogħol konsultattiv li sar s'issa u biex jitkomplew jingħataw pariri u appoġġ lill-KĊT sa Diċembru 2020.

### 4.2.3. *Objettiv 3: It-trawwim tar-rikonċiljazzjoni, il-miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja, u l-appoġġ lis-soċjetà ċivili*

Il-*Kumitat għall-Persuni Nieqsa (CMP - Committee on Missing Persons)* appoġġat mill-Programm ta' Għajnuna permezz ta' arranġament ta' ġestjoni mhux diretta mal-UNDP, kompla l-ħidma tiegħu fil-post u fil-laboratorju. Sat-tmiem l-2017, mit-total ta' 2002 persuna nieqsa, is-CMP eżuma 1194 sett ta' fdalijiet, li 831 minnhom ġew ġenetikament identifikati u ritornati lill-familji tagħhom.

F'Diċembru 2017, ġie estiż il-Ftehim ta' Delega mal-UNDP biex jipprovdi finanzjament għall-operazzjonijiet tas-CMP għas-sena 2018, għal ammont ta' EUR 2,6 miljun. B'mod ġenerali, matul il-perjodu 2006-2018, l-UE kkontribwixxiet b'total ta' EUR 22 miljun li jammonta għal 80 % tal-finanzjament totali pprovdut lis-CMP.

Bil-mogħdija taż-żmien, huwa dejjem aktar diffiċli biex tinkiseb informazzjoni preċiża biex jiġi stabbilit il-post tas-siti ta' dfin. Din hija sfida ewlenija li għandha tiġi indirizzata issa minn sforzi mġedda fir-riċerka ċivili u l-arkivji militari, kif ukoll użu aktar b'saħħtu ta' għodod tal-IT sabiex jiġu ffaċilitati l-fażijiet ta' investigazzjoni, tħaffir u eżumazzjoni.

Għal dan il-għan, saret kampanja ta' billboards fiż-żewġ komunitajiet f'Diċembru 2017 sabiex jinkoraġġuhom iressqu kull informazzjoni li jista' jkollhom. Il-membri tas-CMP wettqu wkoll direttament riċerka fl-arkivji tan-NU fi New York f'Mejju 2017.

*Il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali* permezz tal-Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Wirt Kulturali (Technical Committee on Cultural Heritage, TCCH) baqgħet komponent ewlieni tar-rikonċiljazzjoni u l-azzjonijiet ta' tisħiħ tal-fiduċja taħt il-Programm ta' Għajnuna. Bejn l-2011 u l-2017, il-programm tal-Patrimonju Kulturali rċieva EUR 14,7 miljun f'fondi tal-UE li qed jintużaw biex tittejjeb il-protezzjoni ta' 71 sit ta' wirt kulturali madwar il-gżira. Dawn jinkludu ħames (5) proġetti fuq skala kbira, 30 proġett ta' daqs medju, 26 proġetti fuq skala żgħira u 10 proġetti fil-fażi tad-disinn. Matul l-2017, il-kisbiet ewlenin kienu t-tlestija tax-xogħlijiet ta' konservazzjoni għall-Monasteru ta' Agios Panteleimonas f'Mejju kif ukoll għall-Martinengo Bastion u għal taqsima tal-ħitan ta' Famagusta f'Settembru. Barra minn hekk, fl-2017 tlesta x-xogħol ta' konservazzjoni ta' Agia Marina/Gurpinar, knisja Maronita li tinsab f'sit militari. Qed jittieħdu passi biex tiġi żgurata manutenzjoni u tindif adegwati ta' siti restawrati mill-komunitajiet benefiċjarji.

B'rispons għal inizjattiva taż-żewġ mexxejja Ċiprijotti għal miżuri ġodda ta' tisħiħ tal-fiduċja, fl-2015 il-Kummissjoni aġixxiet malajr biex jiġu riallokati r-riżorsi meħtieġa għall-ftuħ tal-punti tal-qsim ġodda f'Deryneia u Lefka-Apliki. Fil-bidu tal-2016, ġie ffirmat Ftehim ta' Delega mal-UNDP rigward xogħlijiet fin-naħa ta' fuq tal-Linja l-Ħadra, li tlestew fl-2017. Fuq talba tar-Repubblika ta' Ċipru, fl-2017 il-Kummissjoni u l-UNDP iffirmat addendum għall-Ftehim ta' Delega għax-xogħlijiet tas-sezzjonijiet speċjalizzati fil-Buffer Zone. Dawn ix-xogħlijiet huma mistennija li jitlestew fl-2018.

Fl-2017, tkompla l-appoġġ għas-soċjetà ċivili. Fl-2017, tkompliet l-assistenza teknika (Spazju Ċiviku) li tipprovdi tisħiħ ta' kapaċitajiet għal Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) u l-promozzjoni ta' netwerking u azzjonijiet konġunti ma' OSĊ Ċiprijotti Griegi u oħrajn tal-UE. Għall-ewwel l-isforzi ikkonċentraw fuq il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' Soċjetà Ċivili u inkoraġġixxew inizjattivi ta' ċittadinanza attiva permezz tal-mekkaniżmu "Grow Civic". Barra minn hekk, 18-il kuntratt mogħti taħt l-iskemi ta' għotjiet tas-"*Soċjetà Ċivili fl-Azzjoni IV u V*" kienu għadhom operazzjonali fl-2017. Huma ffinanzjaw firxa ta' azzjonijiet fl-

oqsma tal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem, l-arti u l-isport, li jinkoraġġixxu l-involviment taċ-ċittadini u l-iskambji bejn komunitajiet differenti. Is-sitt (6) sejħa għal proposti tal-iskema ta' għotjiet tas-*Soċjetà Ċivili fl-Azzjoni* tnediet f'nofs l-2017 b'mod li tat opportunitajiet ġodda għall-OSĊ biex issaħħaħ il-kapaċità, l-azzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom, u tagħmel bidla għall-benefiċċju ta' kulħadd.

F'Ottubru ġie mniedi l-Forum tas-Soċjetà Ċivili (Civil Society Forum, CSF), li jiltaqa' kull tliet xhur, u jintuża' bħala pjattaforma fejn l-OSĊ jistgħu jesprimu l-aspettattivi u l-prijoritajiet tagħhom. Dan il-Forum aġixxa bħala katalist għall-promozzjoni tal-OSĊ u ppromwova ċittadinanza attiva. Matul ix-xahar kollu ta' Ottubru, sar għat-tieni darba xahar sħiħ ta' azzjonijiet tal-OSĊ taħt l-isem ta' "Open Door Festival"; l-għan ta' dawn l-azzjonijiet kien li l-pubbliku jiġi mgħarraf dwar l-attivitajiet tal-passat u tal-preżent u jiġi promoss il-volontarjat fost nies ta' kull età. Matul il-Festival, aktar minn 60 assoċjazzjoni, fondazzjonij, pjattaforma, inizjattiva u attivist fetħu l-bibien tagħhom u marru fit-toroq mill-parti tat-tramuntana ta' Ċipru biex jiltaqgħu mal-pubbliku u jilħqu OSĊ oħra.

### 4.2.4. *Objettiv 4: Il-KĊT titqarreb lejn l-UE*

Għas-snin akkademiċi 2014-16, il-ġestjoni ta' *boroż ta' studju fl-UE* kienet f'idejn il-British Council. Dan l-arranġament ġie estiż għal tliet snin oħra permezz ta' Ftehim ta' Delega ffirmat mal-British Council f'Diċembru 2016, li jkopri s-snin akkademiċi 2017-20. Il-EUR 1,92 miljun disponibbli taħt is-sejħa tal-2017 ħalla li jiġu ffinanzjati 152 borża ta' studju għas-sena akkademika 2017/2018. Dawn il-boroż ta' studju appoġġaw l-istudenti matul l-ewwel sena ta' studji f'livell universitarju tal-ewwel grad, l-istudenti gradwati fil-programmi ta' masters jew ta' dottorat tagħhom, u r-riċerkaturi u l-professjonisti biex ikunu jistgħu jiżviluppaw aktar il-ħiliet tagħhom fil-lingwi u dawk okkupazzjonali madwar l-Istati Membri tal-UE permezz ta' korsijiet tal-lingwi jew programmi ta' internship. Mill-2007, il-Programm ta' Boroż ta' Studju żgura l-aċċess għall-boroż ta' studju għal aktar minn 1000 student u professjonist Ċiprijott Tork. Il-kontinwità ta' din l-iskema hija kkunsidrata bħala essenzjali u se jsiru aktar sforzi fuq il-miri tal-ħtiġijiet u l-lakuni fil-KĊT. Bħala parti mill-attivitajiet tal-ġestjoni tal-Programm ta' Boroż ta' Studju, il-British Council jorganizza kull sena jum "Study in Europe", biex jipprovdi informazzjoni lill-istudenti dwar il-possibilitajiet ta' studju fl-UE. In-netwerk tal-alunni online qed jiġi żviluppat f'dawn l-aħħar snin sabiex jissaħħu l-kuntatti u r-relazzjonijiet professjonali bejn l-alumni tal-Boroż ta' Studju. Il-British Council qiegħed jissorvelja b'mod kontinwu l-impatt fuq medda medja ta' żmien, pereżempju r-rata ta' ritorn ta' studenti lejn Ċipru u s-suċċess biex isibu impjieg.

Id-domanda għolja għal informazzjoni dwar l-UE fil-KTĊ kompliet fl-2017. L-Infopoint tal-UE, li huwa ġestit flimkien mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Ċipru, beda jiffunzjona fil-bidu tal-2015 b'baġit totali ta' EUR 1 545 000 għal perjodu ta' 30 xahar; il-proġett ġie estiż f'Lulju 2017 sa Jannar 2020 b'baġit totali ta' EUR 3 miljun. Dan wassal għal livell għoli ta' viżibbiltà għall-UE, il-politiki tagħha u l-Programm ta' Għajnuna. Sa issa, l-Infopoint tal-UE organizza diversi seduti / avvenimenti dwar suġġetti varji, inkluż l-ambjent (l-ilma, l-enerġija, l-immaniġġjar tal-iskart, inkluż ir-riċiklaġġ, il-bijodiversità, it-tindif tax-xtut u l-Ġimgħa l-Ħadra), l-agrikoltura organika, is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol, is-sikurezza alimentari, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-annimali. Huwa kopra

wkoll temi bħad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, id-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-LGBTQ, u d-drittijiet tal-konsumatur.

Fl-2017, l-Infopoint tal-UE organizza 49 avveniment (li minnhom 28 f'Nikosija) inkluż Jum l-Ewropa, il-Ġimgħa Ewropea kontra r-Razziżmu, il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ u l-Jum Internazzjonali taż-Żgħażagħ, Lejla Ewropea tar-Riċerkaturi, Jum tal-UE Kontra t-Traffikar, il-Ġimgħa tal-Mobilità u s-Sigurtà tat-Traffiku, il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, u l-Ġimgħa Ewropea tal-SMEs. Dawn l-avvenimenti kien ġibdu aktar minn 4,849 parteċipant, turija ta' interess akbar fost il-komunità (4,382 parteċipant fl-avvenimenti tal-2016 u 2,383 parteċipant fl-avvenimenti tal-2015).

Matul l-2017, tqassmu 2,255 prodott ta' informazzjoni u 10-il fuljett (b'kollox mill-ftuħ tal-Infopoint, 13,684 u 30 rispettivament). Saru 343 artiklu tal-aħbarijiet u matul l-2017 dehru 33 riklam televiżiv fuq il-midja lokali (1,266 u 115, rispettivament, mill-bidu tal-proġett). It-traffiku fuq il-paġna ta' Facebook "Abbilgi" ikkonferma wkoll il-popolarità tal-attivitajiet (4,052 "like" ġdida fl-2017 u minn mindu fetħet l-għadd totali ta' likes żdied għal 12,523). L-Infopoint tal-UE appoġġa wkoll il-promozzjoni tas-Sejħiet għal Proposti kollha u proġetti oħrajn ta' Programmi ta' Għajnuna u avvenimenti permezz ta' messaġġi fuq Facebook / noti ta' tfakkir, kartelluni fil-ħwienet, l-ospitar ta' avvenimenti u tnedija ta' proġetti ġodda fl-ispazji pubbliċi tiegħu. Huwa stabbilixxa sħubija strateġika ma' proġetti oħra ffinanzjati mill-UE u l-proġetti ta' assistenza teknika bħalma hu l-iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili (Spazju Ċiviku), l-Iżvilupp tas-Settur Privat, il-Qerda ta' Mard tal-Annimali, l-Immaniġġjar tal-iskart, kif ukoll mad-dipartimenti rilevanti u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili fil-KĊT.

### 4.2.5. *Objettivi 5-6: It-tħejjija biex il-komunità Ċiprijotta Torka tkun tista' ddaħħal u timplimenta l-acquis*

L-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX - Technical Assistance and Information Exchange) tal-Kummissjoni jintuża' biex jiġu implimentati l-objettivi 5 u 6 tar-Regolament dwar l-Għajnuna u b'hekk jgħin biex il-KĊT titħejja għall-implimentazzjoni tal-*acquis* bil-ħsieb tal-irtirar tas-sospensjoni tiegħu mad-dħul fis-seħħ ta' qbil komprensiv għall-problema ta' Ċipru.

L-assistenza tkompliet fl-2017 u esperti ġodda ntgħażlu f'17-il oqsma ewlenin, jew "setturi", tal-acquis. B'kollox, l-għadd ta' avvenimenti organizzati fl-2017 kien ta' 118. L-azzjonijiet tat-TAIEX inkludew fost l-oħrajn missjonijiet ta' esperti, workshops u żjarat ta' studju. Il-partijiet ikkonċernati tal-KĊT urew sensibilizzazzjoni ogħla b'mod sinifikanti tar-rekwiżiti tal-acquis fis-setturi tat-TAIEX attivi.

L-appoġġ għall-kummerċ min-naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra (ir-Regolament 866/2004) kompla. L-esperti indipendenti fl-2017 kienu involuti fit-twettiq ta' spezzjonijiet fitosanitarji regolari tal-patata u l-prodotti taċ-ċitru, billi jieħdu kampjuni tal-għasel għall-analiżi u jipproduċu lista aġġornata ta' bastimenti li jistgħu jikkummerċjalizzaw il-qabda tagħhom fuq in-naħa l-oħra tal-Linja l-Ħadra.

## 4.3. Eżekuzzjoni finanzjarja (kuntratti u pagamenti)

### 4.3.1. *Għoti ta' kuntratti*

Il-Kummissjoni ffirmat impenji legali fl-2017 li jammontaw għal EUR 23,2 miljun. Il-volum totali żdied meta mqabbel mas-sena ta' qabel (EUR 15,5 miljun fl-2016).

#### 4.3.2. *Pagamenti*

Il-pagamenti fl-2017 kienu jammontaw għal EUR 17,2 miljun (EUR 21,4 miljun fl-2016).

### 4.4. Monitoraġġ

Il-Kummissjoni għandha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti (ġestjoni diretta). Il-livell ta' monitoraġġ mill-persunal tal-Kummissjoni huwa għoli ħafna, b'kuntatti regolari ma' kuntratturi, żjarat fil-post, u kif ukoll laqgħat fil-post u kumitati ta' tmexxija ta' laqgħat. L-Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti kompliet tappoġġa lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' għotjiet / proġetti mogħtija lil komunitajiet lokali għall-iżvilupp tagħhom, l-SMEs u l-intrapriżi rurali, l Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, lil skejjel u organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, filwaqt li tappoġġa wkoll il-benefiċjarji tal-għotjiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għall-implimentazzjoni tal-għoti ta' kuntratti, inkluż għal akkwist sekondarju.

Barra minn dan, il-Kummissjoni timplimenta għadd ta' kuntratti taħt ġestjoni indiretta. L-entitajiet ta' implimentazzjoni bħall-UNDP, il-BERŻ, u l-British Council huma vvalutati skont il-pilastri u jirrappurtaw lill-Kummissjoni skont il-Ftehimiet Qafas rispettivi. Il-Kummissjoni hija involuta mill-qrib fil-monitoraġġ ta' kuljum ta' dawn l-azzjonijiet.

Għat-TAIEX, ġie mniedi perjodu ta' ppjanar ġdid, li se jinkludi laqgħat regolari tal-Grupp tat-Tmexxija tal-Proġett biex jagħti rendikont, jevalwa l-progress u jkompli l-ippjanar. Il-loġistika tat-TAIEX hija monitorjata permezz tas-Sistema online għall-Ġestjoni tat-TAIEX.

### 4.5. Awditjar u kontrolli

Fl-2017, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS - Internal Audit Service) wettaq awditu dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS - Structural Reform Support Service), inkluża l-ġestjoni finanzjarja tal-Programm ta' Għajnuna. L-objettiv tal-verifika inkluda, fost l-oħrajn, l-adegwatezza tad-disinn u l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' kontroll intern għal ġestjoni finanzjarja (legalità u regolarità finanzjarja u l-effiċjenza tal-fluss tax-xogħol). L-IAS identifika xi dgħufijiet tal-ambjent ta' kontroll intern stabbiliti fil-proċeduri ta' akkwist, li qed jiġu indirizzati permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS.

### 4.6. Evalwazzjoni

Se jkun meħtieġ titjib sinifikanti fl-istatistika tal-KĊT biex jakkumpanja l-implimentazzjoni futura tal-*acquis*.

Evalwazzjoni *ex post* ta' skemi ta' għotjiet għall-SMEs twettqet mill-PMU u infurmat it-tfassil ta' sejħa ġdida għal proposti li se titnieda fl-2018. Bdiet evalwazzjoni *ex post* simili ta' skemi ta' għotjiet għall-iżvilupp rurali u r-riżultati huma mistennija fl-2018.

## 4.7. Informazzjoni, Pubbliċità u Viżibilità

B'mod ġenerali, kien hemm 120 azzjonijiet ta' viżibilità u ta' komunikazzjoni fl-2017, li għadd kbir minnhom kienu organizzati f'kooperazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Ċipru. Uħud mill-punti ewlenin fl-2017 kienu: il-preżentazzjonijiet dwar "Il-Kummissjoni Juncker: Sentejn biex Naħdmu għal Ewropa Aħjar li Tipproteġi, li Tagħti s-Setgħa u li Tiddefendi" f'diversi bliet, Open Door Festival, il-qsim ta' informazzjoni dwar il-ħidma tal-OSĊ f'erbat ibliet (Nikosija, Famagusta, Galateia, Lefka), u l-Jum tax-Xjenza Ewropea u tad-Divertiment, li fihom ipparteċipaw 500 student tal-iskejjel post-sekondarji. Jum l-Ewropa ġie ċċelebrat b'żewġ avvenimenti esterni fuq skala kbira f'Nikosija u Famagusta b'aktar minn 700 parteċipant.

Saru bosta avvenimenti pubbliċi dwar il-Boroż ta' Studju tal-UE għal KĊT u dawn żguraw ċerimonji ta' Tlestija b'sensibilizzazzjoni estensiva ta' diversi proġetti tal-Wirt Kulturali, inklużi l-Fortizza u l-Ħitan ta' Martinengo u l-Knisja ta' Archangelos Michael. L-avveniment tal-Ekosistema Intraprenditorjali / tal-Post tas-Suq laqqa' flimkien ħafna parteċipanti biex jitgħallmu aktar dwar l-appoġġ tal-UE fil-KĊT. L-appoġġ tal-UE fil-qasam tas-Sikurezza tat-Traffiku ġie kkomunikat ukoll matul diversi avvenimenti ma' tfal tal-iskola, mal-familji u mal-pubbliku ġenerali.

## 4.8. Konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

Saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, b'mod partikolari meta uffiċjali għolja tal-Kummissjoni żaru l-gżira. Il-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Gvern għal verifika ta' drittijiet tal-proprjetà, u tiltaqa' ukoll regolarment mar-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell.

# 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tkompli tipprovdi assistenza skont ir-Regolamentazzjoni dwar l-Għajnuna biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru bl-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-KĊT, permezz ta' ħidma fis-sitt objettivi tagħha. Matul l-2017, l-assistenza kompliet tiffoka fuq oqsma li jippreżentaw problemi partikolari f'konformità futura mal-*acquis*.

Minħabba r-restrizzjonijiet ta' kapaċità, riżorsi umani u finanzjarji limitati u n-nuqqasijiet fit-tlestija għall-introduzzjoni futura tal-*acquis*, is-sostenibbiltà tal-proġetti trid tiġi kkunsidrata bir-reqqa. Ir-rekord tal-assistenza fil-passat u l-maturità tal-proġetti se jkunu riflessi b'mod kontinwu fl-eżerċizzji ta' programmar tal-futur. L-isforzi se jikkonċentraw fuq li jkollhom aktar impatt fl-oqsma prijoritarji permezz ta' anqas azzjonijiet iżda li jkunu akbar.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tiskjera r-riżorsi, inkluż taħt il-Programm ta' Għajnuna, biex tappoġġa negozjati għal soluzzjoni taħt l-awspiċji tan-NU kif meħtieġ.